**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 5 ta' Ottubru 2016**

**App. Nru. 497/12 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel sive Charles Farrugia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Carmel sive Charles Farrugia, karta ta' l-identita` numru 142761(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(1) fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, fl-1 ta' Ġunju 1992, instab li kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu rifle tal-marka BSA Meteor, pistola (revolver) u kwantita` ta' seba' mija u ħmistax (715) tipi varji ta' munizzjoni li l-importazzjoni tagħhom hija projbita u/jew ristretta/ b'valur totali ta' Lm160.74, dazju Lm128.59, liema dazju ma ġiex imħallas jew kawtelat;

(2) fl-Msida fil-25 ta' Ottubru 1991 minn van tal-marka Marina bin-numru tar-reġistrazzjoni E-7142 ikkommetta serq ta' arma tan-nar (senter) tal-marka Benelli li l-valur tiegħu jeċċedi l-mitt lira Maltin (Lm100) liema serq hu

kwalifikat bil-mezz, bil-valur u x-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-detriment ta' Antoine Borg Bonaci;

(3) fix-xhur ta' bejn il-25 ta' Ottubru 1991 u l-1 ta' Ġunju 1992, f'Malta, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibigħhom jew imexxihom;

(4) sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija fil-24 ta' Settembru 1981, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mħassra jew mibdula;

(5) żamm jew kellu fil-pussess tiegħu armi tan-nar mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Ottubru 2012 (ara verbal a fol. 239) fejn wara li kkunsidrat li "l-akkużat u l-uffiċjal prosekutur ilhom ma jidhru għal perijodu twil ta' snin, jidher li dan il-każ jinsab preskritt skond il-liġi" u għalhekk iddikjarat l-azzjoni kriminali bħala estinta;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fl-1 ta' Novembru 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata bill tiddikjara n-nullita` tas-sentenza konsiderando l-ksur tal-artikolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta fi-interita` tagħha u/jew tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-azzjoni kontra l-imputat ġiet estinta mmnn l-ewwel Qorti minħabba preskrizzjoni tal-proċedura *de quo* u minflok, tgħaddi biex tiddeċiedi u tiddisponi mill-appell skond il-Liġijiet ta' Malta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjonijiet li saru quddiem din il-Qorti diversament presjeduta; rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali ta' l-24 ta' Diċembru 2013; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant Avukat Ġenerali huma li, kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti, l-ebda imputazzjoni ma hi milquta bil-preskrizzjoni; inoltre li s-sentenza hi nulla għax mhux mogħtija bil-formalitajiet rikjesti mill-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali.

**6.** Din il-Qorti eżaminat l-atti tal-kawża. Jirriżulta li fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2012, wara diversi snin li fihom ma deher ħadd, l-ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

**“Peress li l-akkużat u l-Uffiċjal Prosekutur ilhom ma jidhru għal perijodu twil ta’ snin, jidher li dan il-każ jinsab preskritt skond il-liġi.**

**“Għalhekk il-Qorti tiddikjara l-azzjoni kriminali bħala estinta.”**

**7.** Minn dak verbalizzat jidher li anke għall-imsemmija seduta tas-16 ta’ Ottubru 2012 ma deher ħadd. Hawn din il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Polidano u Carmel Polidano** mogħtija fis-26 ta’ April 2006 minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn intqal:

“L-argument ta’ l-Avukat Ġenerali hu illi huwa prinċipju ta’ ordni pubbliku illi l-proċeduri kontra min hu mixli bi ksur ta’ liġi penali għandhom isiru fil-preżenza tal-mixli, u, jekk il-proċeduri jitmexxew u s-sentenza tingħata fl-assenza tiegħu, kemm il-proċeduri kif ukoll is-sentenza ma jkunux jiswew.

“Dan l-argument huwa tajjeb.

“L-art. 374(b) u 375(b) tal-Kodiċi Kriminali jagħtu lill-qorti s-setgħa li teħles lill-imputat milli jidher huwa nnifsu u li tippermetti li jidher ħaddieħor floku fil-każijiet ta’ kontravvenzjoni biss, u mhux ukoll f’każijiet ta’ delitt. Fil-każ tallum l-akkuża kontra l-appellati nġiebet taħt l-art. 5, 15 u 45 tal-Kap. 452. Il-piena taħt l-art. 45 tal-Kap. 452 hija ta’ multa, li, skond l-art. 7(1) tal-Kodiċi Kriminali, hija piena għal delitt, mhux kontravvenzjoni. Għalhekk igħodd għall-każ l-art. 375(a) tal-Kodiċi Kriminali li jrid illi l-imputat jidher huwa nnifsu.

“Il-ħtieġa li l-imputat jidher huwa nnifsu hija ħtieġa ta’ ordni pubbliku u, jekk ma titħarisx, twassal għan-nullità assoluta tas-sentenza” .[1]

**8.** Fil-każ in eżami, bħal fil-każ appena ċitat, ir-reati addebitati lill-appellat huma delitti u mhux kontravvenzjonijiet.

**9.** U bħalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Busuttil** mogħtija minn din il-Qorti kif presjeduta fil-25 ta’ Awwissu 2005: **“Il-preżenza ta’ imputat jew akkużat hija essenzjali fi proċeduri kriminali, salv f'dawk is-sitwazzjonijiet li tipprovdi għalihom il-ligi stess.”** F’dar-rigward issir referenza wkoll għall-artikoli 405(4) u 524 tal-Kap. 9 tal-Kodiċi Kriminali li l-ebda wieħed minnhom ma hu applikabbli fil-każ in eżami.

**10.** Anke l-artikolu 39(6) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jipprovdi li kull min ikun akkużat b’reat kriminali, **“ħlief bil-kunsens tiegħu stess il-proċeduri ma jistgħux jinżammu fl-assenza tiegħu ħlief jekk huwa jġib ruħu hekk li jagħmel it-tkomplija tal-proċeduri fil-preżenza tiegħu imprattikabbli u l-qorti tkun ordnat li jiġi mwarrab u li l-proċeduri jitkomplew fl-assenza tiegħu.”**

---

[1] Ara Il-Pulizija versus Gerald Abdilla, App. Krim. 5 ta’ Gunju 1996.

**11.** Issir ukoll referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-19 ta' Mejju 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmelina Braddick Southgate** fejn l-azzjoni ġiet ukoll dikjarata preskritta u l-imputata liberata, u dan fl-assenza tagħha. F'dik is-sentenza ntqal:

> **"Il-preskrizzjoni tidderima l-meritu tal-kawża u l-liberazzjoni li ssegwi minn tali preskrizzjoni hi deċiżjoni ta' liberazzjoni bħal deċiżjoni ta' liberazzjoni bbażata fuq nuqqas ta' provi. Tali deċiżjoni ma tistax, fis-sistema tagħna, tingħata minn Qorti ta' Prim'Istanza fl-assenza ta' l-imputat jew l-akkużat (ħlief fil-każijiet ikkontemplati fl-artikoli 374(b) u 524 tal-Kodiċi Kriminali)."**

**12.** M'hemmx dubju li s-sentenza li tat l-ewwel Qorti kienet deċiżjoni li kellha tingħata fil-preżenza ta' l-imputat. Mit-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti diversament presjeduta jirriżulta li l-partijiet jaqblu dwar dan.

**13.** Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata għalhekk is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti trid tiġi kkunsidrata nulla u bla effett.

**14.** Issa, l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi: **"Jekk il-qorti superjuri ssib li l-qorti inferjuri, għad li kompetenti biex tisma' l-każ, iddikjarat li ma kinitx hekk kompetenti, għandha tħassar is-sentenza, u tiddeċidi l-kawża fuq il-mertu. L-istess isir meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalità li trid il-liġi taħt piena ta' nullità, jew li tkun xort'oħra sostanzjali."** In-nuqqas f'dan il-każ għandu jitqies bħala nuqqas sostanzjali. Konsegwentement is-sentenza appellata sejra tiġi annullata u din il-Qorti tipproċedi bis-smiegħ fil-mertu.

**15.** Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett u tordna l-prosegwiment fil-mertu.